KUNSILL LOKALI TAL-IMQABBA
29, TRIQ IL-PARROĊĊA, L-IMQABBA MQB 1512
TEL: 2168 0622
E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt
WEBSITE: www.mqabba.gov.mt / www.lc.gov.mt

Minuti tal-laqgħa numru wieħed u sittin (61) tal-Kunsill Lokali tal-Imqabba (KLM) li nżammet nhar it-Tnejn, 6 ta' Ġunju 2016, fis-6.15pm fil-Bini Amministrattiv tal-Kunsill.

| | | |
|---|---|---|
| PREŻENTI: | Charlene Zammit | Sindku |
| | Grace Marie Mallia | Deputat Sindku |
| | Paul Spiteri | Kunsilllier |
| | Anita Farrugia | Kunsillier |
| | Michel Farrugia | Kunsillier |
| | Anthony Bonello | Segretarju Eżekuttiv (SE) |
| | Nikolai Farrugia | Ambaxxatur taż-Żgħażagħ |

1. Is-Sindku, Charlene Zammit ippresediet il-laqgħa u qalet it-talba.

2. Inqraw il-minuti punt punt mis-SE u dawn ġew korretti, approvati u ffirmati.

3. Issemma l-*Afternoon tea* u Charlene Zammit qalet illi wara li nqatgħu l-ispejjeż mid-dħul tal-biljetti tat-tombla u l-*isponsors* ta' pjanti u l-lotterija kien hemm żbilanc ta' madwar €50.

4. Is-Sindku qalet illi l-Kumitat Ċentrali tal-Madonna tal-Ġilju issuġġerew li ssir laqgħa ta' kordinament mal-Pulizija qabel il-festa, filwaqt li lilha kien kellimha is-Sur Charles Curmi tal-LESA u wkoll xtaq jagħmel laqgħa magħna. Intant is-SE diġa' tkellem wara li ltaqa' separatament kemm mas-Sur Curmi kif ukoll mas-Surġent Malcolm Pace li se jaħdem il-festa. Madankollu s-Sindku tkellmet fuq il-laqgħa li organizzaw il-Pulizija meta hija kienet imsiefra fejn skont l-informazzjoni li għandha l-Pulizija qed jgħaddu fuqna hekk imsejħa deskritti bħala responsabbiltajiet ġodda. Hija qalet li l-KLM kien mitlub sabiex jipprovdi transport tal-ġarr tal-barikati tal-pulizija biex jitpoġġew fil-Pjazza tal-Knisja wara li jispiċċa kollox.

5. Dwar il-laqgħa mal-Każin ta' Santa Marija rigward it-toqob tal-festa, (minuti kienu distribwiti lill-kunsillieri flimkien mal-minuti tas-seduta preċedenti u l-*agenda*) tqajjem il-punt li qed jinħoloq periklu għal persuni mhux awtorizzati li qed jidħlu fl-għelieqi jaraw in-nar tal-ajru. Se jsiru tabelli biex jitpoġġew fil-postijiet li aktarx qed jidħlu minnhom dawn il-persuni; biex ikunu avżati li m'għandhomx jidħlu f'postijiet sakemm dawn ma jkunux awtorizzati. Madankollu l-infurzar għandu jsir mill-pulizija.

6. Charlene Zammit qalet illi jidher li ntlaħaq ftehim sabiex tingħata l-kabbana lis-soċjeta' li ma tkunx qed torganizza l-festa, bil-patt illi dawn ma jaħdmuhiex huma, iżda xi ħadd ieħor. Hija qalet li kellha talba (li ma waslitx fil-KLM bil-miktub) sabiex tintrama' kabbana tal-ikel fi Triq Santa Katerina kantuniera mal-Pjazza tal-Knisja. Is-SE qal illi fil-Pjazza huma tollerati biss imwejjed tal-qubbajd u l-ħwienet li jsarju l-ikel ġewwa u jservuh fuq l-imwejjed u s-siġġijiet - dejjem jekk ikollhom permess mill-KLM.

7. Wara li l-KLM kien imċaħħad mit-talba tiegħu li trakkijiet ta' ċertu daqs jibqgħu jgħaddu minn Triq Valletta, se ssir talba oħra lill-*Transport Malta*, din id-darba ibbażata fuq il-piżijiet tagħhom għax dawn qed jagħmlu ħafna ħsara fit-triq, meta fil-verita' dawn qed jagħmlu aktar ħsara lir-residenti fuq il-propjetajiet tagħhom.

8. Reġa' kien diskuss il-punt tal-*outstanding invoices* tal-Perit Toni Bezzina u Grace Marie Mallia insistiet li jkunu vverifikati l-*invoices* kollha l-antiki ħalli nkunu żgur li m'hemmx *double invoicing*.

9. Charlene Zammit talbet lis-SE sabiex jipproċedi bix-xiri tal-*Pabx* minn għand l-orħos offerent.

10. Dwar Triq tas-Sejba, Charlene Zammit qalet li Joe Farrugia jista' jnaddafha hu għal €200 (stima verbali). Is-SE qal li għandha titnaddaf mit-terrapien Triq Ħal Farrug (il-parti tagħna) u kien innutat li fi Triq tas-Sejba, Joe Zahra, intraprenditur li hemm f'din it-triq ħareġ din il-ġimgħa stess bil-*bob-cat* armata bl-ixkupa u kines parti kbira minnha.

11. Charlene Zammit qalet li ġie rrappurtat lilha li l-ħaddiema tal-KLM ma riedux jikinsu taħt il-*litter bin* il-ġdid li tpoġġa fil-Pjazza tal-Knisja, liema rapporti huma dokumentati fil-minuti tal-laqgħa ma' uffiċjali tal-każin ta' Santa Marija. Intant is-SE qal li hu mar jara l-*litter bin* u ma rax akkumulu ta' materjal taħtu għaliex kien imwaħħal *flash* mal-art.

**Komunikazzjoni tas-Sindku**

12. Is-Sindku kellha laqgħa mas-Sur Stephen McCarthy ta' *Projects Malta* dwar il-ġibjun il-miftuħ u hija qalet illi se noħorgu r-*Request for Proposal* (RFP) għal-bini ta' Ċentru Ċiviku fuq l-istess ġibjun. Is-SE kien mitlub mis-Sindku sabiex ifassal dan l-abboz ta' dan l-*RFP* sa nhar it-22 ta' Ġunju filwaqt li qal illi l-abbozz tas-Sur McCarthy mhux relevanti daqs *Expression of Interest* li bagħtu d-Dipartiment tal-Kuntratti. Paul Spiteri rrakkomanda lill-KLM biex jikkunsidra li parti minn din l-*area* tkun tinkludi l-bini tal-KLM. Dwar il-kontenut tal-binja Anita Farrugia qalet illi rridu niffukaw fuq il-Programm Elettorali tal-Partit Laburista, filwaqt li Charlene Zammit qalet illi sular minnhom irid ikun għall-użu tal-anzjani, ieħor għat-tfal u fuq għall-użu tal-KLM. Intant is-Sindku qalet illi l-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma jridu jkunu involuti wkoll peress li qed nitkellmu li l-iżvilupp se jseħħ fuq ġibjun.

13. Bi tħejjija għall-festa Charlene Zammit qalet illi kellha talba mil-Każin tal-Ġilju sabiex jitħaffru tmien *bollards* madwar il-planċier. Dwar dawn ma kienx hemm qbil billi l-KLM ried assikurazzjoni li dawn it-toqob se jkunu mgħottijin matul is-sena ħalli ma' jkunx hemm periklu għar-residenti. Talbu wkoll li jitwaħħlu *floodlights* fejn ir-*Remissa Bar* biex idawwlu l-faċċata tal-Knisja u jinbidlu l-lampi tal-kampnar, tal-koppla tal-knisja u dawk fuq arbli dekorattivi fuq iz-zuntier. Paul Spiteri qal illi hemm lampa oħra maqtugħa fil-parapett tal-każin tal-futbol ma arblu dekorattiv.

14. Dwar il-bankina proposta fi Triq Santa Katerina quddiem il-ħanut tax-xagħar, intqal illi din hija għalja wisq, u mhux se nsolvu l-problema tal-ilma tax-xita apparti l-fatt li t-triq hija dejqa diġa u se ssir aktar perikoluża bil-bankina proposta.

15. Grace Marie Mallia qalet illi l-attivita ta' Għawdex organizzata mill-KLM kienet waħda tajba ferm u n-nies ħadu ħafna gost fuq it-trenn speċjalment meta marru fil-Wied tal-Lunzjata.

16. Charlene Zammit qalet illi nhar il-15 ta‘ Ġunju fis-1.00pm, rappreżentant tal-LESA se jiltaqa‘ mas-Soċjeta‘ Mużikali Madonna tal-Ġilju u l-Pulizija biex jara fejn l-aħjar li jitpoġġew il-gwardjani lokali. Charlene Zammit qalet illi matul il-laqgħa li organizzaw l-Pulizija kien propost sabiex jitpoġġew tabelli tan-*No Parking* fi Triq Ħal Kirkop, mill-KLM, u intlaħaq qbil sabiex din it-triq tkun *one way* kollha kemm hi fi żmien il-festa.

17. Charlene Zammit qalet illi kellha talba sabiex id-*drink* tal-bandisti li se joffri l-KLM għandu jsir nhar il-festa fis-7.30pm u l-KLM se jaħseb għal disgħin persuna u se jintużaw fliexken kbar u tazzi tal-*plastic*.

18. Paul Spiteri talab aktar dettalji dwar il-lampi tat-toroq fi Sqaq ix-Xatba l-Ħamra. Is-SE qal illi kull fejn hemm il-linji tal-Korporazzjoni Enemalta, issa hemm lampi imwaħħin. Madankollu il-parti l-kbira ta' dan l-isqaq m'għandux linji.

19. Charlene Zammit qalet illi rċevejna *e-mail* mis-Soċjeta Mużikali Madonna tal-Ġilju, propju minn Marvin Sciberras, fejn qed jitlob illi delegazzjoni ta' żewg persuni mill-villaġġ ta' Affile l-Italja se żżur l-Isptar il-Qadim nhar is-17 ta' Ġunju. Hu talab li l-KLM iħallas għal riċeviment f'ġieħ is-Sindku u l-Kappillan ta' Affile li se jieħdu ħsiebu l-istess delegati tal-Każin. Il-KLM se jagħti *token* lill-istess Sindku u ktieb lill-kappillan.

20. Kienet diskussa l-ittra tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali fejn qed jgħidulna sabiex nonoraw biss il-kuntratti li għandna u ma nidħlux f'aktar *committments* sakemm jinqata' d-dejn tal-KLM. Charlene Zammit qalet illi dawn qed jaraw il-*cumulative* filwaqt li l-KLM irreġistra titjib fl-operat tiegħu matul is-sena li għaddiet. Meta s-SE kien mistoqsi xi pjani hemm biex nirreġistraw titjib, hu wieġeb li dejjem tgħallem anke mill-kors li organizza l-istess dipartiment tal-Gvern Lokali sabiex il-KLM jaqta dak li hu żejjed, u minkejja li hu jista' jipproponi ħafna idejat tajbin, dawn iridu jiġu onorati mill-istess KLM. Intant qed nistennew illi d-Direttur jiltaqa' mal-KLM dwar dan id-dejn.

21. Is-Sindku qalet illi kitbulna mill-Aġenzja tal-Pagamenti fuq il-proġett ta' Pjazza Ġublew tad-Djamanti u dawn qed jitolbuna li nirrifondu €14,000 għax għandhom dokumentazzjoni li hija nieqsa. Intant dawn ma kienux approvati fuq il-*Payment Approval Sheet* numru 517 li kienet imressqa fi tmiem il-laqgħa (il-kumplament tal-*items* kienu kollha approvati) għaliex irridu naraw sew x'iridu eżatt, issa li għaddew tant snin.

22. Kien approvat il-materjal kollu tal-fuljett filwaqt li Charlene Zammit uriet it-tħassib tagħha dwar kliem dispreggjattiv fl-artiklu *'ikkulurit'* ta' Michel Farrugia. Hija ma qablitx mal-kliem "il-KLM uża l-artitsti" fl-attivita' Talent Imqabbi. Hija sostniet illi dan l-artiklu hu offiża għall-KLM.

23. Kienet approvata t-tweġiba għall-*Management Letter* tal-Udituri għas-sena 2016. Charlene Zammit qalet illi dwar il-*performance bonus* tas-SE għas-sena 2015 hemm punt illi talbet spjegazzjoni tiegħu. Is-SE qal illi nofs il-*Performance bonus* tal-impjegati kollha hu tali illi għandu jingħata. Filwaqt li l-kumplament irid l-approvazzjoni tal-KLM u fil-każ tiegħu biss, ukoll tad-Dipartiment Gvern Lokali. Din is-sena it-talba intilfet fl-istess dipartiment u dan kien approvat erba' xhur tard. Madankollu is-SE qal li l-aktar li hu preokkupanti hu il-punt *Going Concern*, fejn l-udituri urew tħassib sabiex nonoraw il-*committments* li għandna u saħansitra nibqgħu noperaw.

24. Il-laqgħa li jmiss se ssir nhar it-Tnejn, 4 ta' Lulju fis-6.00pm u din spiċċat fid-9.15pm.

Magħmula minn Anthony Bonello u approvati llum 4.7.2016 minn Dr Charlene Zammit
Segretajru Eżekuttiv Sindku